# COCKTAIL CABINET

*Ta'* Ivo Muscat Azzopardi

Bħalissa ninsab mixħut fuq is-sufan tas-salott tiegħi; ma tantx inħossni fiha; aħjar, għax minħabba f'hekk ikolli nibqa' msammar hawn bil-*cocktail-cabinet* sewwa sew biswiti, u nagħmel daqsxejn ta' taħdita miegħu.

*Cocktail-cabinet*: ftit injam ordinarju miksi b'fuljetti talinjam tal-kewba, bi tliet ħġigiet biex juru, bla ma tiftaħ ilbibien, dak li hemm ġewwa fih, bit-taqsima fuqanija magħluqa, halli taħbi fiha ftit fliexken tax-xorb u xi ftit tazez.

Fid-dehra, dan il-*cocktail-cabinet* huwa l-iżjed ħaġa sempliċi u komuni tad-dinja, imma jekk wieħed joqgħod jaħseb u jhewden ftit fuqu, jintebaħ li huwa jiġbor ġewwa fih ħajja sħiħa ta' bniedem; tiegħi għallanqas hekk magħmul u sewwa sew għalhekk, illum, fettilli noqgħod niċċaċċra miegħu u nħares lejh fiss biex ingagħlu jgħidli xi ftit fuq l-imgħoddi tiegħi.

Mela nibdew mit-taqsima ta' fuq, dik il-moħbija: ftit fliexken ta' gosti diversi: Whisky, Cognac, Portwine, Vermouth, Sherry, Gin... u qabda tazez ta' tliet daqsijiet. Dawn il-fliexken donnhom ma jafu jgħidu xejn ħlief li jistgħu jissodisfaw il-gosti ta' xi ħbieb, imma ma jidħrilkomx li jistgħu jiġu mqabbla mal-ħajja tal-bniedem? Wieħed imut u l-ieħor jitwiled ... wieħed jiżvojta u ieħor mimli jinfetaħ, ħajja ġdida. Wieħed jiżvojta malajr u l-ieħor idum iġebbed sena biex jinxtorob kollu ... sewwa sew bħal bniedem li jgħix ħajja qasira u l-ieħor idum iferfer ħafna biex jintemm. X'ingħidu mbagħad jekk b'disgrazzja jiżloqloq wieħed minn idek meta jkun għadu kważi sa' għonqu? Sewwa sew bħal bniedem li jmut ħesrem fl-aħjar tiegħu.

Issa ngħaddu għaż-żewġ xkafef tan-nofs li nistgħu nxebbħuhom ma' l-ewwel żewġ sulari ta' dar bi tliet pjani. L-ixkaffa tan-nofs fiha gabarrè żgħir u fuqu servizz tal-ħġieġ, flixkun u nofs tużżana bikkjerini. Dan is-sett ma niftakarx li qatt użajtu, imma niftakar sewwa li tani ħafna nkwiet u qajjem progrom sħiħ sakem wasal għandi.

Jien fil-logħob sfortunat ħafna u qatt ma nirbaħ xejn. Imma darba waħda, ma nafx kif u l-għala, il-fortuna bexxqet ftit għajnejha u rebbħitni dan is-sett f'otterija organizzata f'okkażżjoni ta' ballu tal-Karnival, meta libbist lil binti bil-kostum

ta' Melita. Il-libsa ta' binti kienet ħelwa tassew, meħjuta tajjeb u patrijottika u l-premju kien jixirqilha u jistħoqqilha, imma ... imma jien kont Membru tal-Kumitat ta' din il-Festa ... u s-soltu ilsna malajr bdew iqasqsu u kien se jinqala' l-glied u jien ridt nirrinunzja għar-rigal. Imma fl-aħħar ipperswadewni, aċċettajtu u baqa' għandi tifkira tal-ħidma tiegħi fost il-Maltin ta' Lixandra.

Fl-ixkaffa ta' taħt għandi stokk żgħir ta' fliexken taxxorb, fosthom kullezzjoni sabiħa ta' "liquers" li jiena nagħmel għalihom bosta. Lanqas li kont mara, nistħajjilkom tgħiduli!

Xejn partikolari fosthom, imma dan l-aħħar żidt magħhom żewġ fliexken li għandhom is-sebgħin sena għomor. "Liquer" tajjeb daqs il-għasel imma, anqas irrid niftakar, dalwaqt jaraw il-qiegħ. Xi dnub li t-tajjeb jintemm malajr!

Issa nagħmlu żjara għall-ixkafef li hemm fuq in-naħa tal-lemin: bikkjerini, reklam tal-Brandy Hennesy, rigal ta' ħabib antik għalkemm il-bkkjerini ma għandhomx ħlief sena ħajja.

Fost il-bikkjerini hemm imxerrdin ħafna oġġetti oħra: karrettun miġbud minn ħmar, li tulhom kemm kemm jaqbeż il-pulzier. Xtrajthom minn Sirakuża dan l-aħħar. Statwa żgħira tal-biskwin li turi kavalier bil-kostum tas-seklu l-ieħor, tifkira għażiża ta' ommi. Dgħajsa ta' Għawdex, tal-fidda, li kont xtrajt minn Mata biex neħodha miegħi Lixandra, fejn għext għal sebgħa u għoxrin sena sħaħ. Niftakar tajjeb kemm praspar inqalgħu biex irnexxieli ngħaddiha mid-Dwana ta' Lixandra. Kemm ikkustinjajt mal-funzjonarji ... u kemm xaħħamt nies.

Lanqas li kienet xi teżor. Imma tiegħi għaddiet. U meta rġajt lura Malta għal kollox, ġibtha miegħi, għax dik id-dgħajsa ta' ebda importanza hija biċċa mill-ħajja tiegħi.

Fost it-tazez hemm ukoll kelb taċ-ċaqquf, ta' razza dubbjuża, bejn Spanjol u Malti, imma gustuż tassew b'widna mtalla' u l-oħra mdendla, donnu ħaj, abjad, kollu u b'għajnejh suwed tuta jżebbgu dejjem. Nistħajlu għassa biex ħadd ma jmissx xejn minn ġol-vetrina.

Għall-kuntrarju għandi kelb ieħor, taċ-ċaqquf ukoll, kelb tal-kaċċa, naturali ħafna fir-raqda tiegħu, imma dan jagħtina l-impressjoni li ma għandu ebda ħajra li jipprotieġi l-ħwejjeġ tal-vetrina.

Fl-istess naħa għandi tfajla qed tħares fil-mera, tal-biskwin, u qagħditha naturali ħafna. Xejn partikolari fiha, imma tif-

kira oħra tal-għażiża ommi. Għandi wkoll awrinar ċkejken, skużawni għat-terminu, żgħir żgħir, tifkira ta' meta żort Montecatini, dik il-belt żgħira, qrib Firenze, nadifa xammiema, li ma' tul ix-xhur tas-sajf tilqa' fiha tant turisti li l-għadd tagħhom jisboq dak tar-residenti, belt kollha fjuri u ħelwa u li minħabba fiċ-ċokon tagħha, ma tgħaġġikx.

Statwetta oħra interessanti hija dik ta' żewġ ballerini jiżfnu *d-double boston*, koppja eleganti liebsa lbies ta' lewn ċar, reklam tas-sigaretti "Upper Ten" li kont irbaħt bil-kupuni xi erbgħin sena ilu minn għand id-Ditta "Cousis". Din tfakkarni f'żewġ ħwejjeġ: fiż-żmien li fih kont inpepjjep u fir-rieda tiegħi li meta ridt naqta' t-tipjip, qtajtu.

Żewġ vażetti żgħar, imitazzjoni ta' oħrajn wisq akbar minnhom, li kont xtrajt minn Pompej, bix-xelleraġni u l-ħjiena u l-ħżunija kollha tagħha, bis-sejbiet sejrin dejjem ta' nħawi li għadhom mirdumin għad li għaddew elfejn sena, u l-aktar u qabel kollox, f'dak is-sabiħ santwarju tal-Madonna ta' Pompej, għajn ta' kull grazzja, li jmorru jżuruh kontinwament eluf u eluf ta' pellegrini minn kull rokna tad-dinja. U marbut mas-santwarju hemm il-qabar ta' dak it-twajjeb Avukat Bartolo Longo, li waqqaf l-Istitut għat-tfal iltiema u wlied il-ħabsin. Għal dan il-fundatur jien għandi qima kbira.

Fl-aħħarnett, fin-naħa tal-lemin, hemm nofs tużżana tazez tax-xampanja, għażżenin daqs is-sejf ta' San Pawl, għax sa fejn naf jien qatt ma ġejt bżonn tas-servizz tagħhom u għalhekk, imsieken, huma ma għandhom ebda tort. U fost dawn it-tazez hemm statwetta taċ-ċomb li turi mara Għarbija bil-milajja (li hi speċi tal-għonnella tagħna) sejra timla l-bomblu mill-bir u qiegħda taħt siġra tat-tamal. Din, ma għandna x'ingħidu xejn, tfakkarni dejjem fl-Eġittu.

Issa nduru għan-naħa tax-xellug u nibdew mill-ixkaffa ta' fuq u nibqgħu neżlin 'l isfel, xkaffa xkaffa, u niflu oġġett wara l-ieħor.

Qabel xejn, imxerrdin 'l hinn u 'l hawn, għandi nofs tużżana bonbonieri li jfakkruni f'tiġijiet ta' ħbieb tiegħi. Mhux kulħadd iħobb jagħti minnhom dawn il-bonbonieri, imma kemm huma tifkira sabiħa għal min jaf igħożżhom u kultant jisfoga s-sentimentaliżmu tiegħu billi joqgħod igħarrex fost it-tifkiriet tal-imgħoddi, kif qed nagħmel bħalissa jien. Kemm hu sabiħ l-imgħoddi aktar mill-preżent. Mhux tassew!?

F'din l-istess xkaffa hemm tlitt ifniek tal-kartapesta, b'ħarsa naturali u grazzjuża, rigal ta' ħabib għażiż tiegħi; važun ċkejken tifkira ta' Sirakuża; u statwetta, imitazzjoni tal-famuża "Venere di Milo" li jfakkarni f'dawk il-ħafna Mużewiet li żort fl-Italja, Franza u Eġittu, fejn l-arti tal-qedem u tal-lum, jiltaqgħu id f'id.

F'din it-taqsima u ta' taħtha għandi xi statwetti tal-biskwin tifkiriet oħra tad-dar tagħna ta' tfulitna. Għandi wkoll dwejra żgħira u madwarha tiġieġa bil-flieles iduru magħha, kollha daqs nitfa li kważi kważi trid tuża l-lenti biex tarahom; u l-aktar ħaġa importanti, bust tal-biskwin tal-Papa Ljun XIII li kont xtrajtu minn Ruma fil-1910 meta, Alla jaħfirlu missieri, kien ħadni vjaġġ sal-belt eterna bħala premju talli għaddejt il-Matrikola. Niftakar kien ħadni Ruma biex inżur il-Belt u l-Papa li kelli l-kbira xorti nara f'udjenza speċjali. Kien il-Papa qaddis Piju X li sal-lum, għalkemm għaddew ħamsa u erbgħin sena, għad ma nistax inneħħih minn quddiem għajnejja u kull meta nara l-istatwetta tal-Papa Ljun XIII, donnu jiffaċċa quddiemi b'seher, dak il-wiċċ twajjeb ta' Giuseppe Sarto.

Fl-ixkaffa ta' taħt din l-aħħar taqsima ma hemmx ħlief tazez, ta' żewġ daqsijiet jew tlieta, stokk għal kull ħtieġa.

Dan hu kull ma għandi fil-*coctail-cabinet* li bħalissa għandi biswiti u li fuqu, wieħed kull naħa, hemm żewġ važetti tal-ħġieġ, li binti żżomm dejjem mżejna bil-fjuri friski, fjuri sbieħ u fuq tagħhom li bihom Alla l-imbierek ried iżejjen bihom id-dinja tiegħu, u biex aħna meta jirnexxielna nifhmuh, nitgħaxxqu bihom u bis-setgħa bla tarf tiegħu.

Din hija t-taħdita qasira li jien għamilt mal-*cocktail-cabinet* tiegħi. Il-ħsibijiet tiegħi mhumiex ħlief kliem, ta' ħafna ħwejjeġ tal-imgħoddi, li għalkemm kollha bla ruħ, donnhom ħadu l-ħajja, għal ftit minuti biss, biex joqogħdu jsefsuli f'widnejja u jiċċaċċraw miegħi u jgħiduli: "Tiftakar fija?" Jew: "Kif, dan l-inċident ħariġlek minn rasek?" Jew: "Ih, ara kif insieni lili?"

Imbagħad, f'daqqa waħda, kollox raġa' għas-skiet.

Għalhekk deherli li kelli ninfired mill-*cocktail- cabinet* tiegħi biex ... inqum nagħmel xi ħaġa oħra. U qomt.